MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF SCICLUNA DAVID

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 1431/1998/1

**Adrian Frendo**

**vs**

**Charlot Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Marzu 2001 li minnha sar l-appell presenti u li taqra hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta` skond il-ligi:

1. Ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u disgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM479.41), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur, bhala rizultat ta’ incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta’ Novembru, 1997 ghall-habta tas-5.45 a.m. gewwa Triq Hal-Tarxien, Gudja bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAB 142 misjuqa mill-attur, u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta’ registrazzjoni DAR 536, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Marzu, 1998, u dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-att lis-socjeta’ assikuratrici Generali Assicurazioni, u interessi legali mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Marzu, 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Settembru ta’ l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba trakuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-5.45 ta' filghodu fi Triq Hal-Tarxien, il-Gudja, bejn il-vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni AAB 142 misjuqa mill-attur u l-vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni DAP 536 misjuqa mill-konvenut;

2. Illi in effetti fl-incident de quo kien hemm ukoll vettura ohra involuta li hi pero' estranea ghall-kaz odjern;

3. Illi jidher li waqt li l-vettura estranea ghall-kaz odjern imsemija fil-paragrafu precedenti kienet miexja, il-konducent taghha zamm "brake" subitaneu u per konsegwenza l-attur kien kostrett jibbrejka wkoll;

4. Illi pero' minn naha opposta kien hemm il-konvenut li ukoll jidher li inhasad bl-akkadut u dahal fil-karreggjata ta' l-attur u habt mieghu;

5. Illi l-vesjoni tal-konvenut sintetikament tghid li waqt **li** kien fi triqtu lejn tal-Barrani, l-attur dahal fuqu;

6. Illi d-danni kif mitluba jidhru debitament ipprovati;

Ikkonsidrat:

Illi mid-dinamika ta' l-incident jidher li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ma kienux qed izommu dak komunement imsejjah bhala "proper look-out" stante li meta inholqot cirkostanza skabruza dawn ma kellhomx l-opportunita' jevitawha;

Illi ghaldaqstant din il-qorti tqis li z-zewg partijiet huma ugwalment responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-attur Adrian Frendo u l-konvenut Charlot Schembri ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;

2. Tikkundanna lill-konvenut Charlot Schembri biex ihallas lill-attur Adrian Frendo nofs l-ispejjez pretizi fl-avviz odjern senjatament mitejn u disa' u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM239.70,0);

3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura inkluzi dawk indikati fl-avviz odjern ikun bla taxxa."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad u tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u konsegwentement tikkundannah illi jhallas id-danni relattivi rizultanti lill-istess attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravju tal-konvenut appellant jikkonsisti in sintezi f'dawn is-sottomissjonijiet:

Is-sentenza appellata hi nieqsa minn motivazzjoni adegwata u kull decizjoni ghandha tkun ifformulata fl-isfond tal-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Il-verzjoni ta' l-attur appellant kienet dejjem konsistenti u korroborata mill-passiggiera tieghu, Joanne Marmara, u minn terza persuna, Diane Ellul, li kienet qed issuq warajh. Mix-xiehda minnhom moghtija u mill-iskizz tal-pulizija ghandu fil-fatt jirrizulta li kien il-konvenut li nvada l-

karreggata li fiha kien qed isuq l-attur appellant u baqa' diehel fil-karrozza ta' l-istess attur appellant. L-allegazzjonijiet tal-konvenut appellat li l-attur appellant kien ipprova jaghmel manuvra ta' sorpass u b'hekk invada l-karreggata li minnha kien ghaddej il-konvenut appellat, u li l-attur appellant kien ghaddej bi speed qawwi huma mhux biss michuda imma lanqas ma jirrizultaw mill-atti processwali.

Ikkunsidrat illi:-

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti llimitat ruhha biex tghid li z-zewg partijiet ma kinux qed izommu "proper look-out" u konsegwentment apporzjonat ir-responsabbilta` ugwalment bejniethom.

Minn ezami akkurata tal-provi, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-htija ghall-incident ghandha tigi attribwita interament lill-konvenut appellat. Difatti l-verzjoni ta' l-attur appellant hi ferm verosimili u turi li d-dinamika ta' l-incident kienet kif ser jinghad.

L-attur appellant kien tiela' triq Hal-Tarxien. Gudja, isuq wara karrozza ohra tal-marka Cortina. Warajh kienet qed issuq Diane Ellul. F'daqqa wahda l-Cortina gibdet lejn ix-xellug u l-appellant ibbrejkja wkoll. M'hemm l-ebda dubju li s-sewwieq tal-Cortina ghamel il-manuvra msemmija peress li min-naha opposta kien gej isuq il-konvenut appellat fuq in-naha hazina tat-triq. Il-fatt li l-attur appellant ibbrejkja jindika li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, kien qieghed izomm "a proper look-out" peress li hekk kif saret il-manuvra bruska tal-Cortina, l-attur appellant minnufih applika l-brejkijiet u nnota gejja ghal fuqu l-karrozza misjuqa mill-konvenut appellat. Kemm l-attur appellant kif ukoll il-konvenut appellat qalu li jaqblu ma' l-iskizz tal-pulizija li, ghalkemm mhix *to scale*, ma thalli l-ebda dubju dwar il-fatt li l-habta grat fuq il-karreggata li fiha kien qieghed isuq l-attur appellant. Inoltre l-angolatura tal-karrozza ta' l-attur appellant tindika li huwa anke pprova jiehu azzjoni evaziva hekk kif nduna bil-karrozza gejja mid-direzzjoni opposta u li, kif diga` nghad, kienet il-kawza tal-manuvra bruska tal-Cortina.

Huwa interessanti kif il-konvenut appellat jilmenta fir-risposta tieghu li l-attur appellant ma hassx il-htiega li jtella' bhala xhud tieghu s-sewwieq tal-Cortina meta mir-rapport tal-pulizija jirrizulta li hu stess kellu xhud lil certu Silvio Farrugia li ma dehrlux li kellu jtellghu biex jixhed nonostante li l-verzjoni ta' l-attur appellant kienet giet korroborata minn zewg xhieda ohra.

Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat ighid li l-i*spot of impact* kienet kwazi biswit id-dahla li hemm fuq in-naha tax-xellug ta' l-attur appellant. Dan ma jirrizultax mill-provi u lanqas ma jirrizulta mix-xiehda ta' l-istess konvenut appellat. Anke jekk stess l-i*spot of impact* kienet aktar lura minn fejn tidher wieqfa l-karrozza ta' l-attur appellant, jibqa' l-fatt li, mill-pozizzjoni tal-karroza ta' l-attur appellant u dik tal-karrozza li kienet qed issegwieh, il-habta sehhet fuq in-naha tieghu tat-triq. Wara kollox l-istess konvenut appellat ikkonferma l-ezattezza ta' l-iskizz. U Diane Ellul, li tista' titqies bhala terz dizinteressata, ukoll tikkonferma li kemm hi kif ukoll il-karrozza ta' quddiemha kienu fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

Jigi notat li mill-iskizz ma jirrizultax li l-imsemmija Diane Ellul halliet brake-marks u li hija habtet mal-karrozza ta' l-attur appellant minhabba distanza ravvicinata taghha u s-subitaneita` ta' l-incident. Dan ifisser li l-habta grat fejn qal l-attur appellant u li l-konvenut fil-fatt baqa' miexi ghal certa distanza qabel ma attwalment applika l-brejkijiet biex waqaf. Naturalment l-impatt stess ikun naqqas il-momentum ta' l-ispeed li bih kien ghaddej il-konvenut appellat. X'kien l-ispeed ma jirrizultax. Pero` kien bizzejjed elevat biex ma jhallihx ikollu kontroll shih tal-vettura tieghu.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appell jimmerita li jigi milqugh u konsegwentement il-konvenut appellat ghandu jhallas lill-attur appellant l-ammont ta' Lm478.41 in lineja ta' danni (<u>mhux</u> Lm479.41 kif indikat fl-Avviz), liema ammont jirrizulta mid-dokumenti esebiti (ara Dok. AF2 sa AF5) u l-affidavit ta' l-attur appellant u ma giex kontestat. Dwar l-imghax, dan ghandu jigi komputat mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u mhux mid-data ta' l-ittra ufficjali

msemmija fl-Avviz peress li ma gietx esebita fl-atti kopja ta' l-ittra ufficjali hemm imsemmija u ghalhekk ma setax jigi verifikat jekk dik l-ittra ufficjali kenitx tinkludi l-ammont pretiz bhala danni u jekk gietx in effetti notifikata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet fuq premessi, u b'hekk tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut appellat unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u tikkundannah ihallas lill-attur appellant id-danni relattivi fl-ammont ta' Lm478.41 bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Dep. Reg.
df